# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

### Illum il-Ġimgħa, 12 t'Ottubru 2018

**Kawża Nru: 20**

**Rikors Ġuramentat Nru: 842 / 13 JA**

**Concetta Abela; u b'digriet tat-28 t'April 2017 l-atti ġew trasfużi f'isem John Abela, Beverly Abela u Paul Abela *stante* li ommhom Concetta Abela mietet fil-mori tal-kawża.**

**-vs-**

**Clayton Desira u Christa Desira**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attriċi fit-3 ta' Settembru 2013 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi hija flimkien ma' terzi oħra sid il-post konsistenti f'appartament li jġib in-numru 84, Marcon Jos Flats, Flat Nru 1 Pretty Bay, B'Bugia;

Illi l-intimati qed jokkupaw dan il-fond mingħajr titolu validu fil-liġi;

Illi hija interpellat lill-istess intimati sabiex jiżgumbraw l-fond imsemmi iżda dawn baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha ssir dina l-kawża;

Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex ma' għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-intimati qed jokkupaw il-fond 84, Marcon Jos Flats, Flat Nru 1, Pretty Bay B'Bugia mingħajr titolu validu fil-liġi;

2. Konsegwentement tordna lill-istess intimati sabiex fi żmien qasir u perentorju jiżgumbraw minn l-imsemmi appartament.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti ppreżentata fit-23 ta' Jannar 2014 li permezz tagħha eċċepew:

Illi fl-ewwel lok il-konvenuti ma qatt ma kienu jirrisjedu fir-fond appartament numru 1, Marconjos Flats, PrettyBay, Birzebbugia, imma kienu jirrisjedu fil-fond appartament Nru 2, 84, Marconjos Flats, Pretty Bay, Birzebbugia, u dan kif jidher ċar mill-kopja tal-karta tal-identita' tal-konvenut Clayton Desira hawn annessa u mmarkata Dok 'A';

Illi effettivament il-fond numru 1, 84, Marconjos Flats, Pretty Bay, Birzebbugia jinsab fil-pussess esklussiv tal-attriċi u l-esponenti bl-ebda mod m'huma jokkupawh u jagħmlu użu minnu u qatt ma okkupawh u / jew għamlu użu mill-imsemmi fond.

Illi fit-tieni lok l-eċċepjenti telqu mill-fond appartament numru 2 hawn fuq imsemmi diversi xhur ilu u dan mhux għaliex l-attriċi kellha xi jedd illi tinibixxi lill-esponenti milli jabitaw fl-imsemmi fond imma għaliex huma akkwistaw fond ieħor sabiex jirrisjedu fih u għalhekk dak mitlub mill-attriċi llum-il ġurnata huwa eżawrit u b'dan l-attriċi għandha tbati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri;

Illi għalhekk it-talba attriċi hija nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt ġjaladarba l-konvenuti qatt ma kienu jirrisjedu fl-appartament numru 1, 84, Marconjos Flats, Pretty Bay, Birzebbugia u għalhekk ma jistgħux jiġu żgumbrati minn fond li qatt ma għexu fih;

Illi apparti minn hekk il-ġudizzju m'huwiex integru ġjaladarba l-attriċi għandha biss sehem ta' $^{2}/_{3}$ mill-fond Flat 1, Marconjos Flats, Pretty Bay, Birzebbugia u għandha biss sehem ta' $^{1}/_{6}$ mill-fond Flat 2, Marconjos Flats, pretty Bay, Birzebbugia;

Illi *inoltre* l-konvenuti kienu qegħdin jirrisjedu taħt titolu validu fil-liġi fl-appartament numru 2 Marconjos Flats, Pretty Bay, Birzebbugia u dan kif ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda prodotta;

Rat ir-rikors tat-28 ta' April 2017 ta' John Abela (ir-raġel tal-attriċi), u ta' Beverly Abela u Paul Abela (ulied l-attriċi) fejn talbu li l-atti tal-kawża jiġu leġittimati f'isimhom *stante* l-mewt tal-attriċi[1] fil-mori tal-kawża. Din il-Qorti wara li rat id-dokumenti relattivi laqgħet ir-rikors tagħhom u ordnat iż-żieda fl-okkju;

Rat li fis-16 ta' Mejju 2018 Dr Marie Elise Agius għall-atturi John Abela, Beverly Abela u Paul Abela ddikjarat li kienet qed tirrinunzja

[1] L-attriċi mietet fil-31 ta' Marzu 2015

għall-mertu (*stante* li l-istess atturi kienu ħadu l-pussess tal-fond) iżda nfurmat lill-Qorti li kienet qed iżżomm ferm il-kap tal-ispejjeż;

Rat li fis-27 ta' Ġunju 2018 din il-Qorti in vista tal-fatt li l-konvenuti ma dehrux minkejja li s-seduta kienet intiża għall-provi tagħhom, iddikjarat il-provi tagħhom magħluqa u ddiferiet il-kawża għas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjeż.

**Sfond u provi**:

Illi Luigi Vella u martu Pauline nee Moran kellhom tlett ulied: Concetta Abela (l-attriċi, illum defunta), Josette Bondin u Maryanne Calleja. Il-konvenuta Christa Desira (nee Bondin) fil-fatt tiġi bint Josette Bondin, u allura n-neputija ta' Concetta Abela.

Illi l-aħwa Vella huma komproprjetarji (f'ishma indiviżi) ta' blokka appartamenti bin-numru 84 *Marconjos*, Pretty Bay, Birzebbugia. Jirriżulta li hemm atmosfera ta' kunflitt bejn l-aħwa.

F'xi żmien kienu daħlu jabitaw fl-appartament numru 2 il-konjuġi Christa u Clayton Desira. Fil-fatt Dok A[2] li huwa kopja tal-karta tal-identita' ta' Clayton Desira, juri l-indirizz tar-residenza ta' Clayton Desira bħala "84, *Marconjos*, Fl 2, Il-Bajja s-Sabiħa, Birzebbugia."

L-attriċi Concetta Abela fl-affidavit tagħha[3] tilmenta li n-neputija tagħha Christa Desira u żewġha Clayton kienu daħlu jgħixu fl-appartament numru 2, li minnu għandha sehem indiviż, mingħajr ħadd ma kellimha. Qalet li għalkemm fir-risposta ġuramentata tagħhom huma ddikjaraw li kienu effettivament telqu mill-appartament numru 2, baqgħu jopponu li jgħaddulha ċ-ċavetta tal-appartament numru 2.

Josette Bondin, oħt l-attriċi Concetta Abela u omm il-konvenuta Christa

---

[2] Dok 'A', fol 17
[3] Affidavit tal-attriċi, fol 23

Desira, fix-xiehda tagħha[4] spjegat li meta kien għadu ħaj missierhom Luigi Vella, kienet ix-xewqa tiegħu li kull waħda mit-tlett uliedu tieħu appartament mill-blokka, u li saħansitra kienet anke ttellgħet polza fejn lil Concetta Abela messha l-appartament numru 1, lilha (Josette Bondin) messha l-appartament numru 2, u lil oħthom l-oħra (Maryanne Calleja) messha l-appartament numru 3. Kompliet tgħid li għalkemm l-aħwa aċċettaw din il-*"qasma"*, missierhom laħaq miet qabel ma ġiet formalizzata, u għalhekk sa llum it-tlett aħwa huma komproprjetarji tal-blokka f'ismha ndiviżi.

Ikkonfermat li bintha Christa u żewġha fil-fatt kienu għamlu xi snin jabitaw fl-appartament numru 2. Ikkonfermat ukoll li meta kienu daħlu jabitaw fl-appartament numru 2 ma kinux kellmu lill-attriċi Concetta Abela. Enfasizzat li bintha u żewġha kienu għexu fl-appartament numru 2 u li qatt ma għexu fl-appartament numru 1.

## Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:

Illi fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2018, l-atturi John Abela, Beverly Abela u Paul Abela irrinunzjaw għall-pretensjonijiet attriċi iżda żammew ferm il-każ tal-ispejjeż, u għalhekk din is-sentenza tirrigwarda proprju l-kap tal-ispejjeż.

Issa minkejja li huwa ampjament evidenti mill-provi prodotti li l-appartament mertu tal-vertenza huwa l-appartament numru 2 u mhux l-appartament numru 1, il-kawża *invece* saret fir-rigward tal-appartament numru 1. Dan il-fatt effettivament ġie sollevat mill-konvenuti fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom.

Illi konsegwentement, meta fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2018 ġie dikjarat li l-atturi kienu qed jirrinunzjaw għall-pretenzjonijiet attriċi *stante* li kienu ħadu lura *"l-pussess tal-fond"*, huma neċessarjament kienu qed jirreferu għall-appartament numru 2, u mhux għall-appartament numru 1

[4] Xhieda ta' Josette Bondin (prodotta mill-attriċi) tal-11.03.2015, fol 27

ġialadarba jirriżulta mill-provi li l-attriċi Concetta Abela kienet sprovvista mill-pussess tal-appartament numru 2 iżda mhux sprovvista mill-pussess tal-appartament numru 1.

Issa l-kompitu ta' din il-Qorti, għall-finijiet ta' deċiżjoni dwar il-kap tal-ispejjeż, huwa li tara jekk il-pretenzjoni attriċi kinitx waħda fondata. L-attriċi Concetta Abela fir-rikors ġuramentat tagħha kienet talbet:

(i) li jiġi dikjarat li l-konvenuti kienu qed jokkupaw l-appartament 84/1, *Marconjos*, Pretty Bay, Birzebbugia (li tiegħu hija komproprjetarja flimkien ma' ħutha) mingħajr titolu validu fil-liġi, u

(2) li konsegwentement il-konvenuti jiġu ordnati jiżgombraw mill-imsemmi appartament 84/1, *Marconjos*, Pretty Bay, Birzebbugia.

**DEĊIŻJONI**

**Illi ladarba ma jirriżultax li l-konvenuti qatt okkupaw l-appartament 84/1 *Marconjos*, Pretty Bay, Birzebbugia, isegwi li t-talbiet attriċi kienu nfondati.**

**Konsegwentement din il-Qorti tiddikjara li l-ispejjeż għandhom jiġu sopportati mill-atturi John Abela, Beverly Abela u Paul Abela.**

**Moqrija.**

**Joseph Azzopardi**
**S.T.O. Prim Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**